

32004R0401

L 67/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

5.3.2004

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 401/2004
tat-23 ta' Frar 2004**

li jdaħħal, fl-okkażjoni ta' l-adeżjoni ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja, miżuri speċjali tempoanji għar-reklutaġġ ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni, sottomessa wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽²⁾,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Qorti tal-Verifika ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Fl-okkażjoni ta' l-adeżjoni ġejjiena ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvija, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja, għandhom jiġu adottati miżuri speċjali tempoanji li ma jsegwux ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ir-Regolamenti tal-Persunal).
- (2) Minħabba n-numru ta' pajjiżi li se jaderixxu u n-numru tal-persuni involuti potenzjalment, dawn il-miżuri, minkejja li tempoanji, għandhom jissoktaw fis-seħħ għal perjodu sostanzjali ta' żmien. Il-31 ta' Diċembru 2010 jidher li huwa l-iktar data xierqa għall-iskadenza tagħhom.
- (3) Minħabba n-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni, u l-ħtiġijiet ġenerali mbassra għall-futur, għandhom jinżammu wkoll kompetizzjonijiet għar-reklutaġġ ta' l-uffiċjali li għandhom waħda mill-11-il lingwa uffiċjali bħala l-lingwa ewlenija tagħhom. Dan irid ikun skond l-ordni sabiex jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipji ddikjarati fl-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal, inkluż ir-reklutaġġ fuq bażi ġeografiku l-iktar wiesja possibbli.

- (4) Minħabba d-daqs eċċezzjonali ta' l-adeżjoni imminenti, dan ir-Regolament għandu jiġi adottat qabel id-data attwali ta' l-adeżjoni biex ikun jista' jsir ix-xogħol preparatorju kollu sabiex jippermetti r-reklutaġġ ppjanat isir malajr kemm jista' jkun wara l-adeżjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet tat-tieni u t-tielet paragrafi ta' l-Artikolu 4, l-Artikolu 7(1), it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 27 u l-punti (a), (b) u (ċ) ta' l-Artikolu 29(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, sal-31 ta' Diċembru 2010, jistgħu jintlewi il-postijiet vakanti, fil-limitu tan-numru allokat, filwaqt li jitqiesu d-diskussjonijiet dwar l-estimi finanzjarji, bil-ħatra taċ-ċittadini ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja wara d-data attwali ta' l-adeżjoni tal-pajjiżi ikkonċernati.

2. Il-ħatriet għandhom isiru:

- (a) għall-grad kolla, wara d-data attwali ta' l-adeżjoni;
- (b) għajr għall-grad A1 u A2, wara l-kompetizzjonijiet fuq il-bażi kemm tal-kwalifiki u tat-testijiet organizzati kif speċifikat fl-Anness III mar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 2

Sal-31 ta' Diċembru 2010, għandhom isiru wkoll il-kompetizzjonijiet ġenerali għall-uffiċjali li jkollhom wad mill-11-il lingwa uffiċjali bħala l-lingwa ewlenija tagħhom; dawn il-kompetizzjonijiet għandhom ikopru b'mod simultanju dawn il-lingwi kollha.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fil-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fi-18 ta' Novembru 2003 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fit-18 ta' Lulju 2003.

⁽³⁾ Opinjoni mogħtija fid-29 ta' Lulju 2003 (ĠU C 224, tad-19.9.2003, p. 11).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Frar 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. COWEN
